# L-ambjent naturali f'poeti Romantiċi differenti
## f'*Il-Poeżija Maltija*

Il-poeżija Romantika dwar l-ambjent naturali sikwit tittratta n-natura bħala perfetta. L-ambjent huwa idealizzat u aktarx li n-natura li jiddeskrivu l-poeti Romantiċi hija n-natura kif jixtiquha. Għalihom in-natura hija divina, il-"ħolma t'Alla," għax ġejja mingħand Alla, u jwassal għand Alla. Hawn il-poeti jaqblu mal-filosofija Griega dwar in-natura li tgħid li n-natura hija sabiħa, is-sabiħ huwa tajjeb, u t-tajjeb huwa divin għax Alla huwa tajjeb. L-ambjent huwa divin għax ġej mingħand Alla.

Il-poeżija Romantika Maltija sikwit tiddistingwi bejn id-dinja superjuri tan-natura u l-firda u l-ġlied li jikkaratterizzaw id-dinja tal-bnedmin. Ġorġ Zammit jindirizza lil "Gelmus" biex jistqarr b'mod ripetittiv il-ħtieġa urġenti tiegħu li jitla' fuq din l-għolja u b'hekk jitbiegħed mill-ħażen tad-dinja. Filfatt fuq Gelmus il-poeta jikseb l-ispiritwalità li jrid jgħożżha sakemm imut. Meta jkun fuqha jħossu qrib ferm t'Alla :

> Fuq għoljitek, Gelmus,  irrid nitla'
> fejn inħosshom joqorbu s-smewwiet

Permezz ta' żewġ mistoqsijiet rettoriċi, il-poeta jiddeskrivi d-dannu li l-bniedem joħloq lil għajru u lid-dinja umana u jikkundannah b'sensiela ta' stqarrijiet fosthom li ma jafx jibni "dinja ta' ġid fost il-ġnus," dinja ta' ugwaljanza u ġid komuni. Jixlih li ma jafx jibni dinja li fiha tiddomina l-imħabba, li l-poeta jxebbahha mal-fwieħa qawwija tas-sagħtar f'Gelmus; u fuq kollox li l-bniedem jgħaddas lil bnedmin oħra "fis-semm." Filwaqt li jisħet "triqatu," il-bniedem itebba' djaru bid-demm għax iġib il-vjolenza f'daru stess. Dan joħloq kuntrast man-natura għax hija element u forza salvatriċi. Il-ġmiel naturali li minn Gelmus jidher f'Għawdex kollu hu barka t'Alla, u għall-poeta mhuwiex biss sodisfazzjon fiżiku li jpaxxi l-għajn, iżda wkoll forma ta' fejqan li jneħħi "s-semm" tal-bnedmin. Il-poeta jieħu bħala rikordju ta' din l-esperjenza naturali u spiritwali "xitla sagħtar" minn Gelmus u dan juri li l-poeta u n-natura jiddependu minn xulxin. Il-bniedem jissaffa min-natura u n-natura tissaqqa bis-sentiment uman.

Bħall-poeżija "Gelmus," il-poeżija "Għajn Riħana" tal-istess poeta tissawwar f'ambjent lokalizzat. F'"Għajn Riħana" l-poeta jindirizza element fundamentali tal-ambjent naturali, in-"nixxiegħa tal-ilma," li jissimbolizza l-ħajja nfisha. L-għanja tan-nixxiegħa ġġorr sens ta' hena u ta' ġid. Il-poeta jistqarr li bil-kontra ta' dak li jagħmel hu, in-nixxiegħa ma tinkeddx jekk tinxef għax taf li fi staġun ieħor trid terġa' lura. Għalhekk hija simbolu ta' riġenerazzjoni, ta' għanja li terġa' tinstema' anki wara li tkun waqfet. Fl-aħħar tal-poeżija l-poeta jibni kuntrast bejn in-nixxiegħa u l-ħidma vjolenti u qerrieda tal-bniedem:

isaltan il-biki,
id-demm qed jixxerred gelgul

Hawn Zammit jiddistingwi bejn il-ħidma qerrieda tal-bniedem u l-ħolm tan-nixxiegħa fil-futur ("int toħlom li għada bħall-bieraħ, / jixxerred is-sbul"). Għalhekk waqt li l-bnedmin iġibu fid-dinja l-mewt u l-qerda, in-nixxiegħa tibqa' simbolu ta' natura li fil-futur ser tkun produttiva daqs kemm kienet fil-passat.

Il-poeti Romantiċi jinqdew b'sensi differenti biex jirrakkontaw l-esperjenza tagħhom tan-natura. Fil-poeżija "Il-Bilbla," Ġorġ Zammit jenfasizza s-sens tas-smigħ li permezz tiegħu nistgħu nagħrfu li hemm bilbla fis-sema. Barra minn hekk il-bilbla tikseb kwalitajiet sagri meta tixxebbah ma' "anġlu jinstema' bla jidher." F'din is-similitudni l-poeta jkompli jisħaq fuq is-sens tas-smigħ u l-bilbla tibda tikseb is-sens ta' spirtu li ma tarahx iżda tisimgħu. Minħabba f'hekk, in-natura rrappreżentata mill-bilbla ssir sagra u divina. Il-poeta jqabbel lin-natura mal-esperjenza spiritwali ta' anġlu. Din l-esperjenza tixbah lil dik tar-Rivelazzjoni. In-natura qed tifrex dan l-hena mal-ħolqien. Fuq kollox, l-għanja tal-bilbla torbot l-eqdem żmien mal-preżent:

żagħżugħa daqs l-għodwa
u eqdem miż-żmien.

Dan il-paradoss jissuġġerixxi li l-għajta tal-bilbla, l-unika sinjal tal-preżenza tagħha, hu sinjal ta' hena universali li hu fl-istess waqt espressjoni preżenti u espressjoni qadima li ma nbidlitx maż-żminijiet. In-natura saret eterna fl-effetti tagħha.

In-natura l-ħin kollu tiċċaqlaq u tispira r-riflessjoni. Dun Karm jindirizza lil "Kewkba" b'sensiela ta' mistoqsijiet dwar il-moviment, iż-żmien u l-ordni perfetta tagħha li ma jitwiġbux u għalhekk jibqgħu misteru. Il-kuntrast bejn il-moviment u l-permanenza dejjiema tal-kewkba jirrappreżenta l-ħolqien li f'għajnejn il-poeta jgħaqqad moviment ma' ordni, ċaqliq ma' arranġament fiss, progress ma' żamma tal-istess organizzazzjoni. B'dan il-kuntrast il-poeta jissuġġerixxi li f'natura mimlija ċaqliq hemm ordni b'permanenza fundamentali. Il-poeta jsir kemxejn emottiv quddiem il-kewkba u l-misteru naturali li tirrappreżenta. Din l-emozzjoni titqawwa meta l-poeta jidhirlu li l-kewkba qiegħda "tħares u tiddi ġo ħarstu," bħallikieku qed tibni relazzjoni intima miegħu, iżda l-effett hu li l-ħarsa tal-poeta, "tintilef fil-bogħod," sinjal ta' bidu ta' riflessjoni. Għalhekk in-natura tidher bħallikieku motivazzjoni għall-ħsieb biex finalment il-poeta jagħraf iċ-ċokon tal-għerf uman quddiem il-misteri l-kbar tan-natura:

quddiemek,
Il-qawwa ta' ħsiebi tirtogħ'd.

Il-ħarifa nassoċjawha mal-istaġun li fih in-natura tmut biex tikber fir-rebbiegħa, iżda fi "Dwett fil-Ħarifa" Kilin jagħti dehra differenti billi joħloq xenarju bil-kliem dwar l-istaġun tal-ħarifa f'Malta. Dan il-kwadru jinbena b'paralleliżmu bejn il-ħarifa nfisha u l-bebbuxu:

> il-ħarifa ġejja riekba fuq bebbuxu

Bit-taqlib fit-temp u bix-xita li tagħmel, l-ambjent naturali li jkun kważi nixef u miet fis-Sajf jerġa' jieħu l-ħajja. Kilin ma jsemmix biss l-ambjent naturali iżda jsemmi aspetti oħra marbutin mal-ħajja Maltija bħall-passa tal-għasafar u l-kaċċa, u Ottubru bħala xahar tar-rużarju f'kuntrast ma' Novembru bħala x-xahar tal-mejtin.

In-natura hija għajn ta' ispirazzjoni għall-poeti Romantiċi. "Fi Nżul ix-Xemx" Mary Meilak, bħal Kilin, tagħtina aspett li jaffaxxina lill-artisti waqt wieħed mill-isbaħ mumenti li toffri n-natura. Il-poetessa tistagħġeb bis-sbuħija li tara fis-sema waqt li tkun nieżla x-xemx. Tant hu hekk li tixtieq li din ix-xena tibqa' għal dejjem quddiem għajnejha:

> Kemm xtaqt dehriet bħal dawna
> li kienu aktar twal!

Hi tagħti idea ta' ambjent naturali divin għaliex tqabbel is-sħab fis-sema mal-anġli:

> Narahom qishom anġli
> jittajru f'kull naħat.

L-ambjent naturali sikwit jirrifletti l-qagħda psikoloġika li jsibu ruħhom fiha l-poeti, il-burdata tagħhom, l-istat mentali li jkunu fih. Diversi drabi l-poeti jużaw l-ambjent biex jirriflettu fuq ħajjithom. Drabi oħra jfittxu li jaħarbu mid-dinja tal-bnedmin biex isibu l-kenn u l-ispirazzjoni fl-ambjent superjuri tan-natura.

---

**Kristen Mifsud**
Studenta tat-Tieni Sena fil-Livell Avvanzat
Ħajr lil Dr. Bernard Micallef u Dr. Adrian Grima

*Jannar 2009*